MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 33/2021 LM

**Untours Insurance Agents Ltd (C 5655) u din għall-Qatar Insurance Agency Company Ltd, kif surrogata fid-drittijiet ta' Emmanuel Borg, u l-istess Emmanuel Borg**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Daniel Caruana u Elmo Insurance Ltd**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Untours Insurance Agents Ltd u din għall-Qatar Insurance Agency Company Ltd., kif surrogata fid-drittijiet ta' Emmanuel Borg, u l-istess Emmanuel Borg**, [hawnhekk 'l-appellanti', minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ

ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tas-16 ta' Marzu, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li ladarba l-intimat **Daniel Caruana** ammetta r-responsabbilità tiegħu għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, dan qiegħed jinżamm responsabbli għall-akkadut, iżda t-talba tar-rikorrenti għad-danni ma tistax tiġi milqugħa għaliex ma nġabet l-ebda prova li permezz tagħha tali danni jistgħu jiġu likwidati. It-Tribunal iddeċieda wkoll li huwa ekwu li billi l-ewwel talba tar-rikorrenti rriżultat, l-intimat Daniel Caruana għandu jbati parti mill-ispejjeż, u għalhekk iddeċieda li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jiġu sopportati kwantu għal 4/5 mir-rikorrenti u 1/5 mill-intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tal-Arbitraġġ tagħha, is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għal inċident li seħħ ġewwa l-Imġarr fl-10 ta' April, 2016, fejn il-vettura assigurata mas-soċjetà rikorrenti, tal-għamla Toyota Corolla (HBF 684) kienet qiegħda tinstaq mir-rikorrent Emmanuel Borg fi Triq iż-Żebbiegħ, l-Imġarr, filwaqt li l-intimat Daniel Caruana kien qiegħed isuq il-mutur tal-għamla Piaggio Vespa GTS (DNL 005). Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimat Daniel Caruana ġie minn wara tal-vettura, waqt li l-vettura kellha l-indikatur tal-lemin mixgħul, u kien dak il-ħin li seħħet il-ħabta bejn iż-żewġ vetturi.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti talbu li l-intimat jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident imsemmi, kif ukoll talbu li l-intimat jiġi kkundannat iħallas id-danni mġarrba mir-

rikorrenti. Ir-rikorrenti spjegaw li t-talba tagħhom hija għall-ħlas ta’ danni fl-ammont ta’ €1,988.54.

4. L-intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li huwa diġà aċċetta responsabbilità għall-inċident, u fil-fatt irreġistra *claim* mas-soċjetà assiguratriċi tiegħu, Elmo Insurance Limited, u ddelega lill-istess soċjetà tal-assigurazzjoni sabiex tittratta mat-terzi dwar l-inċident inkwistjoni. Qal iżda li l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrenti huma kkontestati, u dawn għandhom jiġu ppruvati skont il-liġi. Qal ukoll li fi kwalunkwe każ huwa m’għandux ibati spejjeż ġudizzjarji.

5. Flimkien mal-Avviż tal-Arbitraġġ, ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll kopja tar-rapport tal-Pulizija li sar wara l-inċident, minn fejn tirriżulta l-istqarrija li l-intimat Daniel Caruana ta lill-Pulizija wara l-inċident, fejn spjega li huwa kien qiegħed isuq il-mutur fi Triq iż-Żebbiegħ, fid-direzzjoni lejn l-Imġarr, u kien għaddej fuq in-naħa ta’ barra tal-vetturi. Qal li hekk kif wasal ħdejn il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni HBF 684 misjuqa mir-rikorrent Emmanuel Borg, dan dar lejn il-lemin, u kien hemm kolliżjoni bejn iż-żewġ vetturi. Emmanuel Borg qal li huwa wkoll kien għaddej isuq fi Triq iż-Żebbiegħ, direzzjoni lejn l-Imġarr, u meta waqaf fit-traffiku ħares fil-mera, u xħin ra li ma kinux ġejjin vetturi, xegħel l-indikatur fuq il-lemin. Qal li hekk kif beda jdur lejn il-lemin, seħħet il-kolliżjoni mal-mutur bin-numru ta’ reġistrazzjoni DNL 005, li baqa’ dieħel fih.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tal-*lodo* mogħti fis-16 ta’ Marzu, 2021 it-Tribunal ta deċiżjoni wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"Dan hu arbitraġġ mandatorju fejn ir-Rikorrenti qegħdin jitolbu illi l-intimat jinżamm responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-10 t'April, 2016 iż-Żebbiegħ bejn il-vettura HBF 684 misjuqa mir-Rikorrent Emmanuel Borg, u dik scooter Vespa DNL 005 misjuqa mill-intimat. Talbu danni ammontanti għal elf, disa' mija u tmienja u tmenin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,988.54) più l-ispejjeż, kif ukoll spejjeż ta' ittra uffiċjali.*

*L-intimat laqa' għal dawn it-talbiet billi ammetta r-responsabbilità iżda kkontesta l-quantum tad-danni.*

*L-esponent żamm żewġ seduti li huma hawn riportati verbatim.*

***Seduti***

Seduta llum **15 ta' Novembru, 2018**, dehru Dr Simon Micallef Stafrace għar-Rikorrenti u Dr Mariah Mula għall-intimat.

Il-partijiet talbu żmien biex jirregolaw ruħhom fuq il-kontestazzjoni li tidher li hi limitata dwar danni.

Ftehmu illi ssir seduta oħra nhar it-28 ta' Jannar, 2019 f'nofsinhar.

Richard Galea Debono LL.D

Seduta illum **25 ta' Jannar, 2021** fil-11.30am il-Qorti, preżenti Dr Alessia Zammit McKeon. Sal-11.45 am ma kien għadu deher ħadd iżjed. Is-seduta kienet għall-istradar tal-arbitraġġ, u bl-intiża li jekk ma jidher ħadd, l-arbitraġġ jitqies abbandunat, skont digriet b'email mibgħut mill-Arbitru fit-18 ta' Diċembru, 2020. Dr Zammit McKeon spjegat illi l-arbitraġġ kien jirrigwarda biss il-quantum tad-danni u kien il-kompitu tar-Rikorrenti sabiex jagħmlu prova tad-danni, u li kellhom żmien twil u kull opportunità li jagħmluha. Issottomettiet li l-ebda prova ma saret u insistiet li l-Arbitru jgħaddi għal-lodo.

Fiċ-ċirkostanzi l-Arbitru deherlu li kien raġonevoli li jilqa' t-talba u għalhekk iddikjara li ser jgħaddi għal-lodo fuq il-provi li hemm.

Richard Galea Debono LL.D

***Konsiderazzjonijiet***

*Fid-dawl tal-ammissjoni tal-intimat dwar responsabbilità, hu ovvju li dik it-talba trid tintlaqa'. Fir-rigward tat-talba għad-danni, hu daqstant ovvju li din ma tistax tintlaqa' minħabba nuqqas totali ta' provi.*

***Konklużjoni***

*Għal motivi premessi l-Arbitru, filwaqt li jilqa' l-ewwel talba u jżomm lill-intimat unikament responsabbli għall-inċident, jiċħad it-tieni talba billi ma jistax jillikwida d-danni pretiżi u jsegwi li ma jistax jemetti kundanna fuq somma mhux likwidata.*

*Hu ekwu billi l-ewwel talba rriżultat, anki minħabba ammissjoni, illi l-intimat ibati porzjon tal-ispejjeż. Għalhekk l-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ BISS (ad esklużjoni tal-ispejjeż l-oħrajn reklamati, li wkoll ma ġewx pruvati) jiġu sopportati in kwantu 4/5 mir-Rikorrenti u 1/5 mill-Intimat."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà rikorrenti ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell tat-30 ta' Marzu, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni ossia s-sentenza appellata u minflok tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli għall-inċident awtomobilistiku in mertu u tikkundanna lill-intimati jħallas id-danni sofferti mill-appellanti fl-ammont ta' elf, erba' mija sitta u erbgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,446.54) bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Arbitraġġ u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

8. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata u sostniet li t-Tribunal kellu jilqa' t-talbiet tagħha, u mhux jiddikjara li ma setax jillikwida d-danni, għaliex id-danni ġew ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ppreżentat elenku tad-danni, flimkien ma' għadd ta' dokumenti, li kienu jinkludu *survey report* u l-irċevuti relattivi. Ir-risposta tal-intimat kienet tgħid biss li l-entità tad-danni qiegħda tiġi kkontestata, u għalhekk dawn għandhom jiġu ppruvati skont il-liġi. Is-soċjetà appellanta qalet li fl-ewwel seduta li saret quddiem it-Tribunal, ġie

verbalizzat li l-partijiet xtaqu żmien sabiex jirregolaw ruħhom dwar il-kontestazzjoni tad-danni. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment ukoll għal dak li ġie verbalizzat waqt t-tieni seduta, u għad-deċiżjoni tat-Tribunal, u qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija għalkollox inkorretta legalment, għaliex id-dikjarazzjoni li kien hemm nuqqas totali ta' provi hija skorretta. Qalu li l-prova dwar id-danni saret mal-preżentata tal-arbitraġġ, fejn ġew esebiti mill-appellanti d-dokumenti kollha relattivi. Qalu li dawn id-dokumenti jikkostitwixxu prova skont il-liġi, u għalhekk it-Tribunal ma seta' qatt jasal għall-konklużjoni li ma setax jillikwida d-danni minħabba nuqqas ta' provi.

9. L-appellanti qalu li fuq l-iskorta tal-prinċipju li min jallega jrid jipprova, sempliċi dikjarazzjoni da parti tal-appellat li huwa qiegħed jikkontesta d-danni ma kinitx suffiċjenti, u ladarba l-appellanti ġabu prova dokumentarja in sostenn tal-pretensjoni tagħhom, kien jinkombi fuq l-appellat li jressaq prova kuntrarja. L-appellanti għamlu riferiment għal skambju ta' *emails* li kien hemm bejn il-partijiet, fejn sar riferiment għal din id-dokumentazzjoni, u minn fejn jirriżulta li l-partijiet laħqu ftehim bejniethom fis-sens li l-ammont mitlub kellu jiġi ridott b'€542, u l-aħħar korrispondenza bejn il-partijiet kienet fis-sens li l-appellati kellhom jinfurmaw lill-appellanti dwar il-pożizzjoni tagħhom. L-appellanti għamlu riferiment ukoll għall-avviż tas-seduta tal-25 ta' Jannar, 2021, fejn imkien ma jintqal li din kienet seduta finali għall-appellanti, u qalu li għalhekk ma kienx legalment possibbli li t-Tribunal waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2021 jiddikjara fuq talba tal-appellati, li kien raġonevoli li jilqa' t-talba u għalhekk iddikjara li ser jgħaddi għal-lodo fuq il-provi li kien hemm mingħajr ma jiddikjara l-provi tal-appellanti magħluqa, speċjalment fid-dawl tal-korrispondenza bejn il-

partijiet li l-appellati ħassew li ma kellhomx jinfurmaw lit-Tribunal biha. L-appellanti esebew ukoll korrispondenza li jgħidu li ma kellha qatt twassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni li ħa, għaliex f'din il-korrispondenza l-Arbitru nnifsu jagħmilha ċara li ladarba l-appellati kienu qegħdin jikkontestaw il-*quantum* tad-danni, dawn kellhom jippreżentaw *affidavit* fejn jispjegaw x'inhuma jikkontestaw. L-appellanti qalu li minn din l-*email* għandu jirriżulta ċar li l-appellati kellhom iressqu l-prova relattiva. L-appellanti żiedu jgħidu li għall-fini ta' kjarezza, ġiet esebita korrispondenza li turi li bejn il-partijiet kien hemm dibattitu dwar l-ammont li kellu jitħallas bħala danni, u *email* fejn l-appellanti kkonfermaw li l-ammont kellu jitnaqqas, u li dan kollu nġieb a konoxxenza tat-Tribunal.

10. L-appellanti qalu li għaldaqstant t-Tribunal ma setax jiddikjara li l-appellanti ma ppruvawx id-danni, meta ġew ippreżentati provi mal-Avviż tal-Arbitraġġ, u meta mill-korrispondenza esebita jirriżulta ċar x'kienet il-pożizzjoni tal-partijiet għall-fini tal-*quantum.* Qalu wkoll li l-korrispondenza maċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ turi biss li kien appuntat l-arbitraġġ għas-smigħ, mingħajr ebda ħjiel li si tratta ta' seduta finali, kif ukoll li mill-assjem tal-provi għandu jirriżulta biċ-ċar li l-ammont kif mitlub mill-appellanti bit-tnaqqis ta' €542, u għalhekk total ta' €1,446.54, kellu jiġi akkordat in linea ta' danni favur l-appellanti.

11. L-appellati ma ressqu l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanti.

12. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti ppreżentaw dokumentazzjoni li ma kinitx esebita bħala parti mid-dokumentazzjoni fl-atti tal-Arbitraġġ, iżda li spjegaw li l-ħtieġa li jsir riferiment għaliha saret neċessarja

wara li ngħata l-lodo arbitrali. Minn din il-korrispondenza tirriżulta *email* mibgħuta mill-avukat difensur tal-appellati lill-avukat difensur tal-appellanti fit-28 ta' Jannar, 2019, fejn din infurmatu li hija kienet qiegħda tikkontesta l-ammont ta' €577.89: "*€35.45 which is unaccounted for and a further €542.44 representing the last 3 parts on the parts invoice which were not authorised by Untours Insurance's surveyor."* Permezz ta' *email* sussegwenti tat-30 ta' Jannar, 2019, l-avukat difensur tal-appellanti informa lill-avukat difensur tal-appellati li r-raġunament tagħha huwa korrett, għajr għall-ammont ta' €35 li kien meħtieġ għall-*wheel alignment.* Jirriżulta li sussegwentement għal din korrispondenza, kien hemm l-*email* tal-Arbitru tal-10 ta' Lulju, 2020, fejn dan ħeġġeġ lill-appellati jinfurmawh b'dak li kienu qegħdin jikkontestaw permezz ta' *affidavit,* u talab lill-partijiet jagħlqu l-pendenza ta' bejniethom. Ma jirriżultax li l-appellati qatt wieġbu għal din it-talba tal-Arbitru jew ippreżentaw l-*affidavits* mitluba mill-Arbitru.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Mill-atti jirriżulta li mhuwiex ikkontestat li l-assigurati tas-soċjetajiet assikuratriċi partijiet f'din il-kawża, kienu involuti f'inċident awtomobilistiku, li għalih assuma responsabbilità l-assigurat tas-soċjetà appellata Daniel Caruana. It-Tribunal żamm biss żewġ seduti fejn ma jirriżulta li nstemgħu l-ebda xhieda u ma tressqu ebda provi, u għalhekk l-uniċi provi li saru fil-proċeduri arbitrali kienet id-dokumentazzjoni esebita mill-appellanti flimkien mal-Avviż tal-Arbitraġġ tagħhom, u l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet u li ġiet esebita flimkien mar-rikors tal-appell.

14. Il-Qorti tirrileva li ġie ppruvat li bejn il-partijiet kien hemm trattattivi għaddejjin, u li l-unika kontestazzjoni li qajmu l-appellati kienet fir-rigward tal-ammont ta' €542 li ma qablux li kellu jitħallas. L-ammont ta' €35.54, li wkoll kien hemm kontestazzjoni dwaru, ġie spjegat li ntefaq għall-*wheel alignment* li sar fuq il-vettura assigurata mas-soċjetà appellanta. Minn din il-korrispondenza jidher ċar għalhekk li l-appellati kienu disposti li jersqu għall-ħlas tal-ammont ta' €1,446.54, anki jekk huma naqsu milli jinfurmaw b'dan lit-Tribunal. L-appellati naqsu wkoll milli jikkooperaw fil-proċeduri arbitrali u naqsu milli jippreżentaw l-*affidavits* mitluba minnhom, u dan minkejja li l-avukat difensur tas-soċjetà appellata dehret għat-tieni seduta quddiem it-Tribunal, u mingħajr ma infurmat lit-Tribunal bil-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet fejn il-patroċinati tagħha jirriżulta li qablu li d-danni jammontaw għal €1,446.54, qalet li għad hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni, u l-prova dwar dan l-ammont għandha ssir mill-appellanti. Il-Qorti tqis illi b'dak li seħħ waqt il-proċeduri arbitrali, it-Tribunal ġie żgwidat kompletament, u hemm biżżejjed provi li juru li l-appellati qablu li d-danni li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom huma jammontaw għal €1,446.54. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellanti huwa mistħoqq, u tilqgħu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tilqgħu, tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, u filwaqt li tiddikjara illi l-intimat Daniel Caruana fuq ammissjoni tiegħu stess**

**huwa responsabbli għall-inċident awtomobilistiku inkwistjoni, u tikkundannah iħallas d-danni sofferti mill-appellanti fl-ammont ta' elf, erba' mija u sitta u erbgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,446.54), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Arbitraġġ, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**